**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Frar, 2002

**Numru 30**

**Avviz. numru 62/02JR**

**Carini Stores Limited**

**vs**

**Ta' Xbiex Lapins Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fl-14 ta' Jannar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u disgha u tletin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm639.40) rapprezentanti prezz ta' tiles u sanitary ware lilha mibjugha u kkonsenjata kif jidher mill-istatement hawn unit u markat Dok.A;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tal-11 ta' Mejju, 2001 u tal-Mandat ta' Qbid prezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali mis-16 ta' Dicembru, 1999, l-ahhar bejgh u konsenja kif jidher mill-istess Dok.A, kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra illi s-socjeta` attrici pprezentat nota fit-22 ta' Frar, 2002, li biha cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, pero` zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar is-sorte, jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ispejjez tal-prezenti proceduri, filwaqt li qed tigi respinta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata in kwantu ma giex indikat l-Artikolu rilevanti fir-rigward, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sebgha u hamsin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm157.53) bl-imghaxijiet legali mil-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tal-11 ta' Mejju, 2001 u tal-Mandat ta' Qbid prezentat mal-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**